



Brussell, 25 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9105/20

VOTE 40
INF 132
PUBLIC 50
CODEC 549

NOTA

Suġġett:

- Riżultat tal-votazzjoni
- Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2020 biex jingħata appoġġ umanitarju kontinwu lir-refuġjati fit-Turkija
 - = Adozzjoni
 - = Eżitu tal-proċedura bil-miktub li tlestiet fl-24 ta' Ġunju 2020

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġislattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

8857/20

data tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub mill-Coreper, Parti 2, 24.06.2020

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispejgazzjonijiet tal-votazzjoni jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



General Secretariat of the Council

Institution: Council of the European Union
 Session:
 Configuration:
 Item: (Document: 8857/20)
 Voting Rule: **qualified majority**
 Subject: Decision of the European Parliament and of the Council on the mobilisation of the Contingency Margin in 2020 to provide continued humanitarian support to refugees in Turkey

Vote	Members	Population (%)
Yes	26	99,8%
No	1	0,2%
Abstain	0	0%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **24/06/2020**

Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,56		LIETUVA	0,62	
БЪЛГАРИЯ	1,56		LUXEMBOURG	0,14	
CESKÁ REPUBLIKA	2,35		MAGYARORSZÁG	2,18	
DANMARK	1,30		MALTA	0,11	
DEUTSCHLAND	18,54		NEDERLAND	3,89	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	1,98	
ÉIRE/IRELAND	1,10		POLSKA	8,49	
ΕΛΛΑΔΑ	2,40		PORTUGAL	2,30	
ESPAÑA	10,49		ROMÂNIA	4,34	
FRANCE	14,98		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,91		SLOVENSKO	1,22	
ITALIA	13,65		SUOMI/FINLAND	1,23	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,29	
LATVIJA	0,43				

* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population
 For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

DIKJARAZZJONIJIET**Dikjarazzjoni minn Ċipru dwar l-ABE Nru 5/2020 tal-Kummissjoni: Kontinwazzjoni tal-appoġġ lir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti b'rispons għall-kriżi tas-Sirja fil-Ġordan, il-Libanu u t-Turkija**

"Ir-Repubblika ta' Ċipru tixtieq tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha kemm mal-proċedura segwita kif ukoll mal-kontenut ta' dan l-abbozz ta' proposta għal Baġit Emendatorju.

Filwaqt li Ċipru appoġġa bis-siġh u jkompli jappoġġa l-għajnuna lir-refuġjati Sirjani, fost l-oħrajn, minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala ġeografikament l-eqreb Stat Membru tal-UE għas-Sirja, u l-fatt li, proporzjonalment, huwa jospita għadd kbir ta' Sirjani li qed ifittxu l-asil, jiddispjaċina għall-mod li bih tħejjiet, ġiet ippreżentata u ntbagħtet il-proposta lill-Coreper.

Rigward il-proċedura b'mod partikolari, ninsabu profondament iddiżappuntati li ma seħħitx diskussjoni politika fil-Kunsill qabel il-preżentazzjoni tal-proposta mill-Kummissjoni. Jiddispjaċina wkoll li l-proposta ġiet abbozzata mingħajr ma qieset kif xieraq il-kuntest ġeopolitiku usa', inkluż il-militarizzazzjoni reċenti tar-refuġjati mit-Turkija, il-fatt li dan il-pajjiż huwa perkors ewlieni għall-migranti illegali lejn l-Istati Membri tal-UE, ir-rwol negattiv tal-pajjiż fis-Sirja u fil-Libja, u l-attitudni ġenerali tat-Turkija lejn l-UE u l-Istati Membri tagħha. Sfortunatament, it-Turkija ma ħaditx il-miżuri meħtieġa biex tipprevjeni rotot ġodda tal-baħar jew tal-art għall-migrazzjoni illegali mit-Turkija għall-UE, u ma kkooperatx ma' Ċipru u ma' Stati Membri oħra għal dan il-għan. Barra minn hekk, filwaqt li l-proposta kellha tiġi diskussa fil-Coreper tal-24 ta' Ġunju, il-proċess tħaffef b'mod mhux ġustifikat bla ma tqiesu xejn il-fehmiet ta' għadd ta' delegazzjonijiet li kienu talbu għal aktar żmien biex jeżaminaw id-dokumentazzjoni.

Fir-rigward tas-sustanza tal-proposta, aħna tal-fehma li kellu jiġi adottat approċċ aktar bilanċjat, peress li dan jipprevedi appoġġ sinifikament akbar għar-refuġjati fit-Turkija, għad-detriment tal-Ġordan u tal-Libanu, filwaqt li dawn il-pajjiżi jgħorru piż daqstant importanti billi jospitaw l-akbar għadd ta' refuġjati fid-dinja meta mqabbel mal-popolazzjonijiet tagħhom.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, Ċipru jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 5/2020 (Kontinwazzjoni tal-appoġġ lir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti b'rispons għall-kriżi tas-Sirja fil-Ġordan, il-Libanu u t-Turkija) u d-Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tagħha. Ċipru jesprimi wkoll in-nuqqas ta' qbil tiegħu mad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2020 biex jitkompla l-appoġġ umanitarju lir-refuġjati fit-Turkija u d-Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tagħha."

Dikjarazzjoni mill-Italja

"L-Italja hija favur il-kooperazzjoni ma' Stati terzi għall-ġestjoni tal-flussi migratorji lejn l-Unjoni Ewropea.

Minħabba dan, nemmnu li l-politiki lejn Stati ġirien għandhom jitqiesu bħala priyorità, u għandhom jiġu ffinanzjati b'mod adegwat bil-għan li jitrażżnu l-flussi migratorji fuq ir-rotta orjentali.

Madankollu, huwa importanti li jiġi definit kwalunkwe appoġġ finanzjarju Ewropew ġdid għal Pajjiżi terzi billi jittieħed approċċ aktar olistiku li jqis il-ħtiġijiet kollha li jirriżultaw mir-rotot ta' migrazzjoni differenti kollha."
